MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
## BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
### MAGISTRAT DR.
### NEVILLE CAMILLERI

Seduta ta' l-10 ta' Marzu, 2014

Numru. 719/2012

Il-**Pulizija**

**(Spettur Trevor Micallef)**

**vs.**

**Carmel Zammit**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' **Carmel Zammit**, ta' disgha u tletin (39) sena, iben Emanuel u Jane neé Buhagiar, imwieled fit-22 ta' Jannar 1973, Valletta, residenti: Il-Fanal, Flat 1, Triq tal-Ibragg, Swieqi detentur tal-Karta tal-Identita bin-Numru 62073(M),

akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fil-lejl ta' bejn it-13 ta' 14 ta' Lulju 2012 ghal habta tas-saghtejn ta' filghodu (02:00am) gewwa Bedouin, Westin Dragonara Hotel, Triq Dragonara, San Giljan u/jew fil-vicinanzi:

1. minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja fil-periklu car, ikkaguna ferita ta' natura gravi fil-gisem ta' Lynn Abela;
2. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja fil-periklu car, ikkaguna ferita ta' natura hafifa fuq il-gisem ta' Doriette (Maria Dolores) Marmara;

3. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi u fix-xhur ta' qabel ikkaguna biza lil Lynn Abela u lil Doriette (Maria Dolores) Marmara li ser tintuza vjolenza kontrihom jew kontra l-proprjeta taghhom;

4. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ingurja jew hedded lil Lynn Abela u lil Doriette (Maria Dolores) Marmara;

5. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, qal fil-pubbliku xi kliem oxxen jew indicenti, jew jaghmel atti jew gesti oxxeni, jew b'xi mod iehor li mhux provdut f'dan il-Kodici, joffendi l-morali, l-imgieba xierqa jew id-decenza pubblika;

6. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontrjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku, bl-ghajjat u bil-glied.

Il-Qorti giet mitluba illi, f'kaz ta' htija, tipprovdi ghal garanzija ta' Lynn Abela u ta' Doriette (Maria Dolores) Marmara skont Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba wkoll illi, f'kaz ta' htija, tipprovdi ghas-sigurta tal-persuni offizi u cioé Lynn Abela u Doriette (Maria Dolores) Marmara jew ghaz-zamma tal-ordni pubblika, jew

għall-iskop ta' protezzjoni tal-persuni lezi jew ta' individwi oħra minn fastidju jew imġieba oħra li tikkaġuna biża' ta' vjolenza, u toħroġ ordni ta' protezzjoni kontra l-imputat (Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta).

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali (*a fol.* 132) datata 28 ta' Mejju 2013 li permezz tagħha bagħat lill-imputat biex jiġi ġudikat inn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali kif maħsub taħt:

(a) Artikoli 214, 215, 218(1)(a)(b)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
(b) Artikolu 221(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
(c) Artikolu 251B(1)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
(d) Artikoli 338(bb)(dd), 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
(e) Artikoli 17, 31, 383(1)(2)(3), 412C u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat illi, waqt l-udjenza tal-10 ta' Ġunju 2013 (*a fol.* 133), ġew moqrija l-Artikoli mibgħuta mill-Avukat Ġenerali fit-28 ta' Mejju 2013, f'liema seduta l-imputat iddikjara li ma kellux oġġezzjoni li l-kaz tiegħu jiġi trattat u deċiż minn din il-Qorti bi proċedura sommarja.

Semgħet lix-xhieda kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni.

Semghet lill-imputat jixhed minn jeddu u b'mod volontarju u semghet ukoll ix-xhieda prodotti minnu.

Semghet it-trattazzjoni da parti tal-Prosekuzzjoni u tad-difiza (*a fol.* 179 *et seq.*)

**Ikkunsidrat**

Illi, fis-seduta tat-23 ta' Lulju 2012, xehed l-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Trevor Micallef** (*a fol.* 27 *et seq.*) rigward l-investigazzjonijiet redatti minnu

Illi, fis-seduta tat-23 ta' Lulju 2012, xehdet ukoll **Doriette Marmara** (*a fol.* 29 *et seq.*) fejn qalet li kellha relazzjoni ta' sena mal-imputat u li din spiccat tmien xhur qabel. Tixhed li kienet f'post ta' divertiment bl-isem ta' Bedoiun flimkien ma' Lynn Abela u Claire Benetti. Tghid li l-imputat mar hdejhom u beda jghajjarha: *"Qahba, kemm hxejtek, u kliem minn dan, nahxilek wiccek u affarijiet hekk"* (*a fol.* 30). Tghid li mbaghad l-imputat dar fuq Lynn u beda jghidilha li hi qahba wkoll u li kienet tisfrattaha (lil Marmara). Tispjega li ddecidew li jmorru jghidu lill-*bodyguard* u li f'hin minnhom l-imputat mar jaghti daqqa ta' ponn lil Lynn u lilha (lil Marmara) mbuttaha mal-art u qasmet rasha. Tghid li spiccaw gew mehduha l-isptar. Tixhed li l-imputat kien faqa' x-xedaq ta' Lynn Abela. Ghamlet riferenza ghal xi incidenti ohra li graw fil-Boogie Nights u f'Marakesch.

Illi, fis-seduta tat-23 ta' Lulju 2012, xehdet ukoll **Claire Benetti** (*a fol.* 32 *et seq.*) fejn qalet li kienet ma' Lynn u Doriette fil-Bedouin u li hekk kif dahlu mar l-imputat jghajjar lil Lynn u lil

Doriette b'hafna kliem oxxen. Tghid: *"Lil Doriette beda jghajjarha qahba ghal diversi drabi u qallha wkoll li xeba' jahxiha u qallha li qabel jahxiha f'wiccha mhux ser ikun kuntent"* (*a fol.* 32). Tghid li Lynn marret tghajjat lis-*security* peress li l-imputat kien qed jghajjarhom hafna u sakemm mar is-*security*, l-imputat mar bil-girja u ta daqqa ta' ponn dritt go wicc Lynn u wara fittex lil Doriette u mbuttaha b'kemm kellu sahha b'konsegwenza li hi u taqa', Doriette laqtitha lilha (lil Benetti) f'mohhha u hi (Benetti) qasmet ftit mohhha. Tghid li Doriette spiccat baqghet niezla mal-art u qasmet rasha.

Illi, fis-seduta tat-30 ta' Lulju 2012, xehdet **Lynn Abela** (*a fol.* 44 *et seq.*) fejn bdiet billi tghid li lill-imputat ilha tafu peress li kien habib tal-eks partner taghha. Tispjega li kienet il-Bedouin flimkien ma' Doriette Marmara u Claire Benetti u f'hin minnhom mar l-imputat jghajjat u jghajjarhom, juza kliem oxxen. Tghid: *"Beda jghajjar lil Doriette Marmara qahba u lili, beda jghidilha li ser jahxilha wiccha u li ha jibqa' jahxiha, lili beda jghidli li jien nisfratta lil Doriette Marmara"* (*a fol.* 45). Tghid li f'hin minnhom, meta kienu sejrin ghas-*security*, l-imputat taha daqqa ta' harta go wiccha fuq in-naha tal-lemin u li wara xi hin taha daqqa ta' ponn fuq wiccha fuq in-naha tax-xellug u spiccat mal-art u ma tiftakar xejn aktar. Mistoqsija rigward il-griehi li sofriet tghid li l-isptar qalulha li kienet sofriet ksur minn zewg nahat go halqha, ezattament fix-xedaq. Tghid li l-isptar qalulha li dawn il-griehi kienu permanenti u li ghandha xi *numbness* ma' xuftejha li aktarx ma titlaqx. Ezebiet disa' ritratti (Dok. "LA 1" sa LA 9" (*a fol.* 52) u kif ukoll numru ta' dokumenti ohra. Tghid li dan ma kienx l-unika incident mal-imputat u li kien hemm incidenti ohra. Semmiet incident iehor li gara f'Marakesch. Tghid li darb'ohra l-imputat kien mar quddiem id-dar u werwer lilha, lil uliedha u lil Doriette Marmara.

In kontro-ezami tghid li missier it-tfal taghha jigi hu Doriette. Tghid li kemm hi u kif ukoll Doriette kienu hbieb ta' Caroline Zammit ukoll (il-mara tal-imputat). Tghid: *"Qtajnihom ghax dejjem kienu jiggieldu bejniethom, dejjem jidghu quddiem it-tfal, dejjem b'xi kummiedja kull darba li nohorgu, bla ma trid taqtaghhom"* (*a fol.* 47). Tghid li sa dak iz-zmien ma kienx ghad hemm relazzjoni bejn l-imputat u Doriette. Tixhed li bejn l-imputat u Doriette kien hemm relazzjoni ta' madwar seba' xhur. Tghid li hi u Doriette huma hbieb sew u li jahdmu flimkien ukoll. B'riferenza ghall-akkadut mertu ta' din il-kawza, tghid li l-imputat mar mal-ewwel jghajjar lil Doriette. Tghid li hi (Abela) kellmet lill-imputat qabel u qaltlu li kienet ser iccempel lil martu. Tispjega li hadd minnhom ma ghamel xejn qabel gara dak li gara ghajr ghal dak li ghamel l-imputat. Mistoqsija kif jista' jkun li l-imputat sofra griehi f'wiccu, tghid li ma ghandhiex idea. Mistoqsija tghid jekk kienetx xejjret daqqa bit-tazza li kellha f'idha, wara numru ta' domandi ohra wiegbet: *"Jiena l-aktar li gie vicin ta' wicci x'hin laghabli d-daqqa ta' harta, dak il-hin kelli l-mobile f'idejja, jiena nhsadt, veru nhsadt, ma nafx, jista' jkun li lqattu pero' ma jidhirlix jiena, ma niftakarx li lqattu"* (*a fol.* 51).

Illi, fis-seduta tal-11 ta' Frar 2013, xehed **Damien Grech** (*a fol.* 88 *et seq.*) li beda billi qal li huwa *security guard* fil-Bedouin u li jiftakar li kienet marret fuqu tfajla u qaltlu li xi hadd kien ta daqqa ta' harta f'wiccha u li eventwalment sab zewg tfajliet mal-art u lill-imputat. Jghid li l-imputat kellu qasma taht ghajnejh. Jghid li l-imputat kien qallu li kien qala' daqqa ta' tazza.

In kontro-ezami jghid li l-imputat kellu qasma bid-demm f'wiccu.

Illi, fis-seduta tal-21 ta' Marzu 2013, xehed **Dr. Mario Scerri** (*a fol.* 100 *et seq.*) rigward l-inkarigu moghti lilu fl-14 ta' Lulju 2012 u ezebixxa r-rapport redatt minnu (Dok. "MS 1" – *a fol.* 101 *et seq.*).

In <u>kontro-ezami</u> mistoqsi jghid jekk kienx konxju li l-imputat kien allega li l-gerha li sofra saret billi kien inghata daqqa ta' tazza, wiegeb: *"Fil-fatt spjegajt fir-relazzjoni, ghandha sharp margins u ehe kompatibbli, tista' tkun illi kompatibbli ma' daqqa maghmula minn strument li jaqta' jew bil-ponta"* (*a fol.* 100 *et seq.*). Jghid li ma tikkostitwixxiex *disfigurement* pero jikkonferma li thalli marka fil-wicc.

Illi, fis-seduta tal-21 ta' Marzu 2013, xehed id-**Dentist Alex Cassar** (*a fol.* 114 *et seq.*) rigward il-griehi sofferti minn Lynn Abela. Jghid li din kellha ksur fix-xedaq ta' isfel f'zewg partijiet. Jixhed li Abela giet operata xi jiem wara. Jghid li l-griehi kienu gravi. Gie muri zewg X-Rays (Dok. "AC 1" u "AC 2" – *a fol.* 116 *et seq.*)

Illi, fis-seduta tad-29 ta' April 2013, xehed **Dr. Mario Cilia** (*a fol.* 128 *et seq.*) fejn qal li kien ra lil Lynn Abela u lil Doriette Marmara fl-Emergenza l-iSptar. Gie muri zewg certifikati medici (Dok. "CSH 1" u "CSH 2" (*a fol.* 12 u 13)) u kkonferma li dawn gew mahruga minnu u li mentri l-griehi sofferti minn Abela kienu gravi, dawk ta' Marmara kienu hfief.

Illi, fis-seduta tas-7 ta' Ottubru 2013, xehed **Carmel Zammit** (*a fol.* 135 *et seq.*) fejn qal li dakinhar tal-akkadut kif ma' xi hbieb

tieghu tal-*waterpolo* u hu waqaf jitkellem ma' habiba taghhom Tanya u faccata taghhom mhux boghod kien hemm Lynn u Doriette. Jghid li kienu hbieb ta' xulxin. Jixhed li beda xi tghajjir bejn Tanya, fuq naha wahda, u Doriette u Lynn, fuq in-naha l-ohra. Jghid li l-argument nqala' ghax kienu jiktbu fuq *facebook* u fuq oht Tanya. Jixhed li Lynn u Doriette kienu qed jghajjru lil Tanya b'ohtha u jghid li mar hdejn Lynn u Doriette u qalilhom biex lil Tanya ihalluha bi kwieta u jitilqu 'l hemm u li dak il-hin Abela tatu daqqa ta' tazza taht ghajnejh u li hekk kif ra d-demm ma' wiccu ta daqqa lura b'fejn ghandu l-polza b'idu l-leminija u mhux bil-ponn. Jghid: *"Dak il-hin dik kienet ir-reaction, kif taghthieli hi l-ewwel u faqghatli taht ghajnejja bid-demm xejjirthielha lura"* (*a fol.* 136). Jghid li l-griehi li jidhru fir-rapport *a fol.* 101 gew kagunati bid-daqqa ta' tazza li qala. Jghid li wara li qala din id-daqqa, ta daqqa lura u mar lura d-dar.

In <u>kontro-ezami</u> jghid li d-daqqa li qed jghid li ta, taha lil Lynn Abela. Mistoqsi rigward Doriette, jghid: *"Dak konna hdejna xulxin, kif dort biex sejjer jiena nahseb ilqattha lilha u waqghet, ghax kienu kollha kwazi mieghi hekk, imdawrin mieghi"* (*a fol.* 137). Mistoqsi jekk imbuttahiex, jichad.

Illi, fis-seduta tas-7 ta' Ottubru 2013, xehdet ukoll **Tanya Caruana** (*a fol.* 138 *et seq.*) fejn xehdet li dakinhar tal-akkadut kienet ma xi hbieb taghha u li f'hin minnhom mar l-imputat hdejhom li huwa habib taghhom. Tghid li kien hemm Lynn Abela u Doriette Marmara. Tixhed li dawn kienu qabdu ma' ohtha (ma' oht Tanya) u ma' Caroline Zammit (mart l-imputat). Tghid li ohtha (oht Tanya) hija habiba ta' Caroline fuq *facebook* u li Abela u Marmara kienu jiktbu numru ta' affarijiet. Tixhed: *"Qishom bdew iharsu lejna u jaghmlu l-mossi bejniethom u jghidu l-affarijiet bejniethom u jharsu lejna fl-istess hin"* (*a fol.* 139). Tghid li l-imputat beda qisu jkeccihom 'l hemm u li f'hin minnhom

Lynn tat daqqa ta' tazza lill-imputat. Tghid li b'konsegwenza ta hekk l-imputat ta daqqa lil Lynn. Tikkonferma li meta l-imputat beda jipprova jkeccihom, huma bdew jirrispondu.

In kontro-ezami tghid li ma tiftakarx jekk Lynn waqghatx mal-art bid-daqqa li taha l-imputat. Ma tafx jekk it-tazza li biha tat id-daqqa lill-imputat infaqghatx jew le.

Illi, fis-seduta tas-7 ta' Ottubru 2013, xehdet ukoll **Caroline Zammit** (*a fol.* 142 *et seq.*) fejn filwaqt li qalet li hija tigi l-mara tal-imputat spjegat ukoll li hija kienet habiba ma' Doriette Marmara u li Lynn Abela kienet habiba ta' Doriette Darmanin. Tispjega li Doriette kien qabdet mar-ragel taghha. Tixhed kif kienet tircievi telefonati d-dar rigward ir-ragel taghha u dwar dak li kien jikteb fuqha fuq *facebook*. Tixhed kif spiccat tmur ghand il-psikologu ghal xi zmien minhabba dan. In kontro-ezami tghid li ghamlet rapport rigward dan kollu.

Caroline Zammit kompliet tixhed fis-seduta tat-18 ta' Novembru 2013 (*a fol.* 146 *et seq.*) fejn ezebiet rapport rilaxxat mill-psikolgu taghha (Dok. "CZ 1" - *a fol.* 148 *et seq.*) u kif ukoll numru ta' rapporti li saru fl-ghassa tal-Pulizija (Dok. "CZ 2" sa "CZ 10" – *a fol.* 150 *et seq.*)

**Ikkunsidrat**

Illi ma hemmx dubju li kollox jiddependi fuq il-kredibilita' tax-xhieda u dan billi bhala gudikant, il-Qorti sejra taghti qies tal-imgieba, kondotta u karattru tax-xhieda, tal-fatt jekk ix-xhieda ghandhiex mis-sewwa jew hiex kostanti u ta' fatizzi ohra tax-

xhieda taghhom u jekk x-xhieda hiex imsahha minn xhieda ohra u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u dan *ai termini* tal-Artikolu 637 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi din il-Qorti hija f'pozizzjoni ferm aktar favorevoli minn Qrati ohra meta tigi sabiex taghmel apprezzament tax-xhieda u dan ghaliex ghexet il-process kollu tul medda ta' zmien u ghalhekk kienet f'pozizzjoni, wara li semghet x-xhieda kollha jixhdu *viva-voce* quddiemha, tezamina l-imgieba u l-komportament taghhom *stante* li kienet hi stess li kkonstatathom x'interess setgha kellu xi xhud f'dak li xehed u jekk dak li qal kellux mis-sewwa jew le.

Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar prova sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati lill-imputat huma veri u dan ghaliex kif jghid il-**Mazzini** fil-ktieb tieghu **Diritto Penale** – Vol. III Kap. IV – pg. 234 – Ediz. 1890:

> *"Il cosi detto onero della prova cioé il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui asserit".*

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ghandha quddiemha sitwazzjoni fejn filwaqt li x-xhieda prodotti mill-Prosekuzzjoni jghidu li l-imputat ta daqqa ta' ponn lil Lynn Abela, l-imputat jghid li kien biss wara li Abela tatu daqqa ta' tazza taht ghajnejh li hu taha daqqa lura b'fejn ghandu l-polza b'idu l-leminija u mhux bil-ponn.

**<u>L-Ewwel (1) Imputazzjoni</u>**

**<u>(Feriti ta' Natura Gravi fil-konfront ta' Lynn Abela)</u>**

**<u>(Artikoli 214, 215, 218(1)(a)(b)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)</u>**

Illi, mill-provi prodotti, inkluz mic-certifikati medici ezebiti u kif ukoll minn dak mismugh mill-Qorti mix-xiehda li taw ix-xhieda taghhom rigward il-griehi sofferti minn Lynn Abela jirrizulta li Lynn Abela soffriet feriti ta' natura gravi[1]. Wara li l-Qorti rat dak li nghad fil-konfront tal-griehi sofferti minn Lynn Abela, il-Qorti m'ghandhiex dubju li l-ksur fil-konfront ta' Abela gab dak li jistipula Artikolu 216(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Jirrizulta wkoll li dawn il-griehi gew kagunati mill-imputat.

Illi l-Qorti tinnota li anke l-imputat sofra xi griehi taht ghajnejh. Dr. Mario Scerri filwaqt li xehed li tali gerha ma tikkostitwixxiex *disfigurement*, xehed ukoll li din thalli marka fil-wicc. Ikkonferma wkoll li l-gerha hija kompattibbli ma' daqqa maghmula minn strument li jaqta' jew bil-ponta. Da parte tieghu, l-imputat jghid li Abela tatu daqqa ta' tazza taht ghajnejh u li kien sforz ta' hekk li huwa ta daqqa ta' harta lura bil-konsegwenza li gara li gara. Il-Qorti jirrizultalha sal-grad rikjest mil-ligi li effettivament il-gerha sofferta mill-imputat giet kagunata mit-tazza ta' Abela. Wara li giet deciz dan, il-Qorti trid tevalwa jekk din id-daqqa ta' tazza gietx kagunata qabel, waqt jew wara li l-imputat ta daqqa lil Abela. Huwa improbabbli li dak li sehh lill-imputat f'wiccu, gie kagunat fl-istess hin ezatt waqt li hu kien qed jaghti daqqa lil Abela. Gialadarba l-griehi sofferti minn Abela kienu dawk li kienu, huwa impossibbli li Abela kagunat il-griehi fuq l-imputat wara

[1] *Vide* depozizzjoni ta' (a) Dentist Alex Cassar (*a fol.* 114 *et seq.*), inkluz Dok. "AC 1" u "AC 2" (*a fol.* 116 *et seq.*), u (b) Dr. Mario Cilia (*a fol.* 128 *et seq.*), inkluz Dok. "CSH 1" (*a fol.* 12). *Vide* wkoll verbal tas-seduta tal-21 ta' Marzu 2013 (*a fol.* 99) fejn id-difiza, minghajr ammissjoni ta' htija, ma kkontestatx li Lynn Abela garrbet griehi ta' natura gravi.

li gew kagunati lilha l-griehi u dana qed jinghad tenut kont tal-fatt li l-Qorti tifhem l-istat li kienet fih Abela meta garrbet dak li garrbet fix-xedaq taghha. Apparti minn hekk, jirrizulta li l-imputat qal li kien gie moghti daqqa ta' harta minn Abela sa minn mindu ttiehdet l-istqarrija tieghu (Dok. "CSH 4" – *a fol.* 14). Maghdud ma' dan kollu, il-Qorti tinnota li meta Abela giet mistoqsija jekk kienetx tat daqqa u xejjret daqqa bit-tazza li kellha f'idha u wara numru ta' domandi ohra, wiegbet: *"Jiena l-aktar li gie vicin ta' wicci x'hin laghabli d-daqqa ta' harta, dak il-hin kelli l-mobile f'idejja, jiena nhsadt, veru nhsadt, ma nafx, jista' jkun li lqattu pero' ma jidhirlix jiena, ma niftakarx li lqattu"* (*a fol.* 51).

Illi l-Qorti tinnota li filwaqt li Marmara u Benetti jghidu li l-imputat ta daqqa ta' ponn lil Abela, Abela ghall-ewwel tghid li giet moghtija daqqa ta' harta imbaghad qalet li giet moghtija daqqa ta' ponn.

Da parte taghha, id-difiza tinvoka kemm il-legittima difesa tal-imputat u kif ukoll ukoll l-iskuzanti tal-provokazzjoni.

***Legittima difesa***

Illi fir-rigward tal-offiza volontarja, il-Qorti taghmel riferenza ghall-Artikolu 223 tal-Kapitolu 9 li jiddisponi testwalment:

> "Ma hemmx reat meta l-omicidju jew l-offiza fuq il-persuna [...] huma mehtiega mill-bzonn attwali tad-difiza legittima ta' wiehed innifsu jew ta' haddiehor."

Illi fis-sentenza moghtija fl-20 ta' Jannar 1995 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Psaila** jinghad fuq dina l-iskriminanti s-segwenti:

> "Jigi rilevat li d-dritt ghal-legittima difiza jitwieled u huwa konsegwenza naturali mid-dritt fondamentali ta' kull bniedem li jipprotegi lilu innifsu minn xi aggressjoni jew dannu anke bl-uzu tal-forza. Izda l-ligi timponi certi kundizzjonijiet biex dina l-eccezzjoni tigi milqugha. Cioé it-theddid ta' xi aggressjoni jew dannu jew perikolu jrid ikun ingust, gravi u inevitabbli. Id-difiza trid tkun saret biex jigu evitati konsegwenzi li jekk jaffettwaw ruhhom jikkagunaw hsara irreparabbli lid-difensur jigifieri hsara jew offizi fil-hajja, gisem u/jew partijiet tal-gisem tad-difensur. L-imputat difensur irid jipprova li dak li ghamel, ghamlu *stante* li fl-istat psikologiku li kien jinsab fih f'dak il-mument, ried jevita xi perikolu li ma setax jigi evitat b'xi mod iehor. Jigifieri il-periklu ghandu jkun attwali, ta' dak il-hin u mhux theddida ta' perikolu li tkun saret hinijiet qabel ghax dina tista' taghti lok biss ghal provokazzjoni u mhux difiza legittima. Il-perikolu jrid ukoll ikun assolut, cioe' li f'dak il-mument li kien qed isehh ma setax jigi evitat b'xi mod iehor. Izda hawnhekk ghandu jigi applikat it-test soggettiv kif diversi awturi u sentenzi tal-Qrati dejjem specifikaw."

Illi, dwar l-element ta' l-inevitabilita` il-Professur Sir Anthony Mamo, fin-noti tieghu **Lectures in Criminal Law, Part I**, ighid hekk (pagna 104):

> *"The accused must prove that the act was done by him to avoid an evil which could not otherwise be avoided. In other words the danger must be sudden, actual and*

> *absolute. For if the danger was anticipated with certainty, a man will not be justified who has rashly braved such danger and placed himself in the necessity of having either to suffer death or grievous injury or to inflict it. In the second place the danger must be actual: if it had already passed, it may, at best, amount to provocation or, at worst, to cold-blooded revenge, and not to legitimate defence; if it was merely apprehended, then other steps might have been taken to avoid it. Thirdly, the danger threatened must be absolute, that is, such that, at the moment it could not be averted by other means."*

Illi, minn qari akkurat ta' dak li nghad hawn fuq, il-Qorti ma jirrizultalhiex sodisfacentement pruvat li l-imputat jista' jinvoka legittima difesa da parte tieghu u dana *stante* li d-difiza li saret da parte tal-imputat ma saritx *"biex jigu evitati konsegwenzi li jekk jaffettwaw ruhhom jikkagunaw hsara irreparabbli lid-difensur jigifieri hsara jew offizi fil-hajja, gisem u/jew partijiet tal-gisem tad-difensur"*, u dana kif qalet il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Psaila** kwotata hawn fuq.

***<u>Provokazzjoni</u>***

Illi fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Emanuel Tabone** deciza fis-26 ta' Awwissu 1998 il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

> "biex provokazzjoni tkun tista titqies bhala skuzanti, trid tissodisfa r-rekwiziti kollha tal-proviso ta' l-Artiklu 227 (c). Fost dawn ir-rekwiziti li l-provokazzjoni trid tkun tali "li f'nies ta' temperament ordinarju komunament iggib l-effett li ma jkunx kapaci li jqisu l-konsegwenzi tad-delitt." Il-kriterju,

> ghalhekk, hu wiehed oggetiv; il-bniedem ta' temperament ordinarju."

Fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Alan Gauci**, deciza fl-4 ta' Lulju 2013, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

> "Fil-fatt il-Professur Mamo fin-noti tieghu jghid *"the test to be applied is whether the provocation was sufficient to deprive a reasonable man, a man of ordinary temperament, of his self-control, not whether it was sufficient to deprive of his self-control the particular person charged"* (pagna 241). Dana stabbilit il-Qorti trid tara jekk bniedem ta' temperament ordinarju kienx jasal biex jaghmel dan il-att taht il-provokazzjoni illi gie allegat mill-vittma".

Illi riferenza ghandha ssir ukoll ghad-decizjoni moghtija fil-15 ta' Ottubru 2007 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. David Sant** fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

> "Hu ovvju wkoll li mhux kull minn jinvoka l-provokazzjoni necessarjament tigi akkordata lilu din l-iskuzanti, ghax il-qorti trid tiehu wkoll in konsiderazzjoni r-regoli stabbiliti mill-gurisprudenza [...] bhal, per ezempju l-kaz fejn l-imputat jew akkuzat ikun huwa stess fittex li "jigi provokat" biex ikun jista' jinvoka l-provokazzjoni".

Illi l-Qorti tinnota li r-reazzjoni tal-imputat fil-konfront ta' Lynn Abela kien wiehed istantanju b'konsegwenza ta' daqqa ta' tazza

li kienet tatu. Ir-reazzjoni tal-imputat kienet wahda li saret f'daqqa minghajr ma qaghad jahseb. Dak li ghamlet Abela fil-konfront tal-imputat jista' jitqies bhala li jgieghel persuna ta temperament ordinarja jitlef il-komportament logiku tieghu. Ghaldaqstant, il-Qorti taqbel li l-imputat jista' jecepixxi l-provokazzjoni bhala difiza ghal dan l-att li wassal biex giet ikkawzata ferita gravi fuq il-persuna ta' Lynn Abela.

Ghaldaqstant, l-imputat ser jigi misjub hati tal-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu b'dan illi, fir-rigward ta' piena ghal din l-imputazzjoni, il-Qorti ser tapplika l-Artikolu 232(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**<u>It-Tieni (2) Imputazzjoni</u>**

**<u>(Feriti ta' Natura Hafifa fil-konfront ta' Doriette Marmara)</u>**

**<u>(Artikolu 221(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)</u>**

Illi, mill-provi prodotti, inkluz mic-certifikat mediku ezebit u kif ukoll minn dak mismugh mill-Qorti mix-xiehda li taw ix-xhieda taghhom rigward il-griehi sofferti minn Doriette Marmara jirrizulta li Marmara soffriet feriti ta' natura hafifa[2]. Jirrizulta wkoll li dawn il-griehi gew kagunati mill-imputat. Fir-rigward ta' din l-imputazzjoni, jirrizulta sodisfacentement pruvat li effettivament Zammit kkaguna ferita fil-konfront ta' Doriette Marmara meta hu mbottaha lil Marmara mal-art u din qasmet rasha. F'dan il-kaz, l-imputat ma jista' bl-ebda mod jinvoka l-legittima difesa jew il-provokazzjoni, u ghaldaqstant l-imputat ser jigi misjub hati tat-tieni (2) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu.

**<u>It-Tielet (3) Imputazzjoni</u>**

[2] *Vide* depozizzjoni ta' Dr. Mario Cilia (*a fol.* 128 *et seq.*), inkluz Dok. "CSH 2" (*a fol.* 13).

**<u>(Biza' li ser tintuza Vjolenza)</u>**

**<u>(Artikolu 251B(1)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)</u>**
Illi l-Qorti taghmel riferenza ghad-decizjoni fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Raymond Parnis**, deciza fl-24 t'April 2009 mill-Qorti tal-Appell Kriminali. Riferenza ghandha ssir ukoll ghall-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Raymond Coleiro**, deciza fis-7 ta' Marzu 2012, u ghall-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jeffrey Scicluna**, deciza fil-21 ta' Frar 2012, liema sentenzi gew moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali. Fid-decizjoni kontra Jeffrey Scicluna, il-Qorti qalet hekk:

> "Biex ikun hemm ħtija taħt l-artikolu 251B irid jirriżulta li jkun hemm *a course of conduct* kif juri l-kliem: 'lil xi ħadd ieħor hekk jibża' kull darba minn dawk l-okkażjonijiet'. Jista' jkun hemm aktar minn okkażjoni waħda fl-istess jum u għalhekk ikun applikabbli l-artikolu 251B xorta waħda. Iżda kemm mill-imputazzjoni kif miġjuba kif ukoll mill-provi ma jirriżultax li kien hemm din *a course of conduct* fl-istess jum. Ix-xhud irreferiet għal x'ġara qabel iżda l-kliem tal-imputazzjoni jkopri jum wieħed biss. Barra dan ma jirriżultax li kien hemm xi kundanni oħra tal-appellant dwar theddid lil martu. Isegwi li l-appellant ma jistax jinsab ħati skont it-tieni imputazzjoni kif dedotta".

Illi l-Artikolu tal-Ligi, cioé Artikolu 251B((1) jghid hekk: *"li l-imġieba tagħha tikkaġuna lil ħaddieħor jibża' li se tintuża vjolenza kontrih jew kontra"*. Tenut kont ta' dan u tenut kont tal-provi mismugha minn din il-Qorti, il-Qorti hija tal-fehma li ma giex pruvat li effettivament l-imputat kien b'xi mod ikkaguna biza' fuq il-persuna ta' Lynn Abela u Doriette Marmara li kienet ser tintuza vjolenza kontra taghhom jew kontra l-proprjeta' taghhom. Ghaldaqstant, l-imputat ghandu jigi liberat mit-tielet (3) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu.

**<u>Ir-Raba' (4), il-Hames (5) u s-Sitt (6) Imputazzjonijiet</u>**

**<u>(Artikolu 338(bb), 338(dd), 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)</u>**
Illi, mill-provi prodotti u mismugha, il-Qorti tinnota li filwaqt li r-raba' (4) u l-hames (5) imputazzjonijiet ma jirrizultawx, mhux l-istess jista' jinghad ghas-sitt (6) imputazzjoni. *Di fatti*, fir-rigward ta' din l-imputazzjoni, il-Qorti ser timxi ma' gurisprudenza kostanti li kontravenzjoni taht l-Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta hija dik li fil-Ligi Ingliża hija *'a breach of public peace'*. Dan ifisser li persuni ohra jkunu beżghu ghall-inkolumita' taghhom waqt l-incident. M'hemmx dubju li dan jirrizulta fil-kaz odjern u ghaldaqstant l-imputat ser jigi misjub hati tas-sitt (6) imputazzjoni.

**Ikkunsidrat**

Illi huma biss l-ewwel (1), it-tieni (2) u s-sitt (6) imputazzjonijiet migjuba fil-konfont tal-imputat li gew sodisfacentment pruvati.

Illi dwar il-piena idonea li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tiehu diversi fatturi in konsiderazzjoni, fosthom: in-natura tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat u li gew pruvati, il-fedina penali tieghu (Dok. "CSH 5" – *a fol.* 17)) u kif ukoll dak li jiddisponu Artikoli 230(c) u 232(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, il-Qorti ma tarax raguni ghala ghandha timponi piena ta' prigunerija effettiva fil-konfront tal-imputat. Il-Qorti hija tal-fehma li piena ta' prigunerija sospiza li tkun aktar lejn il-minimu milli lejn il-massimu tkun aktar idonea fic-cirkostanzi.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, filwaqt li ma ssibx lill-imputat hati tat-tielet (3), tar-raba' (4) u tal-hames (5) imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u b'hekk tilliberah minnhom, wara

li rat l-Artikoli tal-Ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-Nota tieghu tat-28 ta' Mejju 2013 b'mod partikolari Artikoli 214, 215, 221(1) u 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll Artikoli 216(1)(d), 230(c) u 232(a) tal-istess Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputat Carmel Zammit hati tal-ewwel (1), tat-tieni (2) u tas-sitt (6) imputazzjonijiet migjuba fil-konfont tieghu u tikkundannah ghal perijodu ta' tlitt (3) xhur prigunerija li b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 28A tal-istess Kapitolu 9 qed jigu sospizi ghal perijodu ta' sena.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkometti reat iehor fi zmien sena.

B'applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tikkundanna lill-imputat sabiex sa zmien tlitt (3) xhur millum ihallas is-somma ta' mitejn u dsatax-il Euro u wiehed u tmenin centezmu (€ 219.81) liema somma tirraprezenta l-ispejjez konnessi mal-hatra ta' espert f'dan il-kaz (*a fol.* 113).

Finalment, il-Qorti wara li rat Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, torbot lill-hati b'garanzija personali ta' elf Euro (€ 1000) ghal zmien sena millum fil-konfront ta' Lynn Abela u Doriette (Maria Dolores) Marmara.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------